MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Rikors Numru. 30/2013

**Iris Cassar u Michael Cassar**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Iris Cassar u Michael Cassar li permezz tieghu, wara li ppremettew illi:

Fl-24 ta' Settembru 1992, huma kienu pprezentaw kawza dwar incident li kien gara fil-21 ta' Lulju 1990 meta waqa' soffit fil-hanut Save on f'Rahal Gdid, f'liema incident kienet mietet it-tifla tar-rikorrenti kif ukoll Iris Cassar sofriet hsara permanenti fuq il-persuna taghha. Dak iz-zmien Iris Cassar kellha hamsa u erbghin sena.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili hadet sal-1 ta' Marzu 2011 sabiex din il-kawza tigi deciza.

Sussegwentement sar l-appell. L-appell gie rikjamat fuq rikors illi l-istess rikorrenti ghamlu minhabba d-dewmien esagerat illi kien hemm quddiem il-Prim'Awla.

Is-sentenza relattiva nghatat fid-9 ta' Novembru 2012 u cioe' aktar minn ghoxrin sena wara li giet prezentata c-citazzjoni.

Dan huwa zmien assolutament irragonevoli specjalment tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta' Iris Cassar illi barra d-danni fuqha, kellha wkoll il-pjaga ta' bintha li mietet f'età bikrija ta' sebgha u ghoxrin sena.

Minhabba dan l-incident u minhabba d-dewmien, l-istess Iris Cassar ghaddiet minn trawma wara l-ohra u certament ma tfejqitx bid-dewmien illi kien hemm quddiem il-Qrati.

Ma kienx hemm l-ebda dewmien imputabbli lir-rikorrenti.

Il-kawza ma kienitx tipprezenta aktar diffikultajiet minn kaz komuni ta' danni fuq il-persuna.  Fil-fatt meta hija nghata il-hlas stabbilit bis-sentenza tal-appell, jekk wiehed iwaddab lura l-istess ammont bhala li jikkomprendi l-imghaxijiet, l-ammont illi nghatat kien verament irrizorju.

Ghalhekk dan id-dewmien gab kemm hsara pekunarja u kemm hsara morali fuq l-istess Iris Cassar u r-rikorrenti zewgha illi kellu jbati wkoll minhabba n-nuqqas ta' mezzi wkoll f'idejh biex ikun jista' jikkura lil martu illi sal-lum ghadha bid-diffikultajiet.

Dan jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

l-esponenti jissollevelaw illi f'dan il-kaz, l-ammont ta' danni minnhom sofferti m'ghandux ikun wiehed irrizorju jew inkella illi lanqas jikkompensa l-ispejjez gudizzjarji.  Il-kriterju stabbilit mill-Qorti Ewropeja fil-kaz Debono vs. Malta ghaddew minn semplicement ta' sentejn fl-Appell, tat somma ta' tlett elef ewro.  X'ghandu jinghad ghal ghoxrin sena?

Talbu lil din il-Qorti:

Tiddikjara li fil-konfront taghhom kien hemm lezjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u dan minhabba d-dewmien irragonevoli fil-proceduri.

Tillikwida l-kumpens xieraq ghall-istess vjolazzjoni konsistenti kemm fid-dannu pekunarju effettiv u kemm fid-dannu morali soffert mir-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li in forza taghha eccepixxa illi:

Fil-kawza odjerna r-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li huma sofrew lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem minhabba dewmien irragjonevoli fil-proceduri fl-ismijiet "Iris Cassar et vs Francis Gauci" Cit Nru 1249/1992 u sabiex konsegwentement jigi llikwidat favur taghhom kumpens xieraq.

L-esponent jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' orcess eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessità tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorità jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorità gudizzjarja.

Jirrizulta li l-procedura civili in dezamina kienu kumplessi ferm aktar mill-impressjoni li qed jippruvaw jaghtu r-rikorrenti. Dan ghax fl-ewwel lok sabiex tigi stabbilita mhux biss ir-responsabbiltà tal-incident mertu ta' dawk il-proceduri imma

wkoll id-danni fizici u kif ukoll psikologici tal-atturi llum rikorrenti kien hemm il-htiega li jinhatru diversi periti tal-Qorti senjatament perit legali, perit mediku u iehor psikjatriku, liema esperti jista' jigi meqjus li hadu zmien ragjonevoli sabiex jespletaw l-inkarigu taghhom. Dan apparti l-fatt li fil-kors tal-proceduri tressqu numru konsiderevoli ta' xhieda.

Illi apparti dan, il-kaz civili in dezamina, fuq talba tal-atturi Cassar stess, kien qieghed miexi kontestwalment ma' zewg kawzi ohra ghal danni kontra l-istess konvenut dwar l-istess incident bil-konsegwenzi li r-rittmu ta' prosegwiment tal-kawza tal-atturi Cassar kien ukoll qed jiddependi mill-andament ta' zewg kawzi ohra.

Illi inoltre komplessivament ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti minn naha tal-partijiet fil-kawza "Iris Cassar et vs Francis Gauci" tant li gie verbalizzat diversi drabi mill-partijiet li s-seduti bil-provi kienu mexjin regolarment.

Lanqas jirrizulta li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti tal-Qrati fir-rigward ta' dewmien. Tant hu hekk li wara li gew ezawriti l-provi, gew finalizzati r-rapporti tal-esperti kollha u saru s-sottomissjonijiet finali, l-Ewwel Onorabbli Qorti tat is-sentenza taghha wara biss zewg differimenti. Jinghad ukoll li wara li l-appell minn dik is-sentenza gie trattat f'Lulju 2012, il-Qorti tal-Appell tat id-decizjoni finali taghha wara biss erba' xhur u cioe' fid-9 ta' Novembru 2012.

Fil-kors tal-proceduri civili in dezamina inqalghu ukoll cirkustanzi li kienu ndipendenti mill-volontà tal-partijiet involuti fosthom mewt ta' perit tal-Qorti li ma lahaqx espleta l-inkarigu

tieghu bil-konsegwenza li kellu jerga' jibda l-process minnu mibdi mill-bidu).

Wkoll l-atturi Cassar stess ghal xi zmien kienu talbu lill-istess Qorti Civili sabiex tissospendi l-prosegwiment tal-kawza stante trattivi ta' transazzjoni mal-konvenut Gauci.

Dawn il-fatturi kollha suesposti ghandhom ukoll jittiehdu in konsiderazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti.

Finalment sabiex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragjonevoli, kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tieghu u fil-kumplessività tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi li mill-assjem tal-proceduri civili in dezamina ghalkemm il-kaz ha numru ta' snin sakemm gie finalment deciz ma kienx hemm dewmien irragjonevoli.

Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju 2013 fejn il-Qorti ordnat li jigi allegat il-process Nru. 1249/1992 deciz fil-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet Iris Cassar vs Francis Gauci.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti u tal-Avukat Generali.

Semghet lid-difensuri jittrattaw il-kawza.

Ikkunsidrat illi permezz ta din il-kawza Iris u Michael Cassar qed jilmentaw illi kawza li huma ntavolaw fl-1992 damet sal-2012 biex tinqata' definittivament. Isostnu li dan jimporta lezjoni tal-jedd fondamentali taghhom ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit bl-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Konsegwentement qed jitolbu wkoll kumpens kemm ghal dannu pekunarju kif ukoll dannu morali. L-intimat jichad li, fic-cirkostanzi, id-dewmien kien irragonevoli.

Ikkunsidrat illi l-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi illi:

*"In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law"*.

Fis-sentenza David Marinelli vs Avukat Generali (3 ta' Lulju 2008), il-Qorti irriteniet illi:

*"B'mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f'xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proceduri, u b'mod partikolari:*

*1. in-natura u/jew komplessità tal-kaz in kwistjoni,*

*2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u*

*3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorità gudizzjarja stess"*.

Fil-kawza Francis Theuma vs Avukat Generali (27 ta' Gunju 2003) intqal inoltre illi:

*"S'intendi, dawn il-kriterji jridu jigi applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b'mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi periodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli".*

Fil-11 ta' Awissu 2003, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza John Bugeja vs Avukat Generali affermat inoltre illi:

*"Meta jinstab li kawza damet pendenti ghal zmien twil u damet irragonevolment biex inqatghet, ikun gudizzju simplicistiku wisq li tintefa l-htija ghad-dewmien fuq l-imhallef partikolari li jkun sema' l-istess kawza li damet. Ikun gudizzju x'aktarx immensament ingust li takkuza jew li tinsinwa li dak l-imhallef partikolari ikun tghazzen, tnikker jew generalment ma kienx diligenti f'xogholu. Dan ghaliex, fil-verità, l-abilità ta dak l-imhallef li jiddisponi mill-kawzi fi zmien ragonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsici u personali tieghu, izda, fil-<u>parti l-kbira</u> tiddependi fuq l-effikacja o meno tal-ambjent li jahdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu n-numru kbir ta' kawzi "qodma" (backlog) li*

*"jitghabba" bih appena jilhaq imhallef, in-numru sinjifikanti ta' kawzi godda li jigu assenjati lilu regolartment, u dawk li jista' "jiret" meta jirtira xi gudikant, il-kwalità u l-kumplessità tal-istess kawzi, jekk l-imhallef jinghatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jinghatax r-rizorsi necessarji biex jaghmel ir-ricerka tieghu, biex izomm ruhu aggornat fl-istudji tieghu, u biex isib il-hin necessarju ghad-deliberazzjoni u l-ktiba tas-sentenzi.*

*Id-dritt fundamentali tal-indivdwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t'amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra tal-istat, cioe' l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex il-Qrati jkunu f'pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli".*

Il-Qorti ta' Strasburgu fil-kaz ta' Zimmermann and Steiner vs Switzerland sostniet li l-istati ghandhom l-obbligu "to organize their legal systems so as to allow the Courts to comply with the requirements of Article 6(1) including that of trial within a reasonable time (13 ta' Lulju 1983 para. 29).

Ukoll fil-kaz ta' Guincho vs Portugal sahqet li stat ghandu l-obbligu li forni bizejjed rizorsi ghad-disposizzjoni tas-sistema gudizzjarju sabiex ma jkunx hemm dewmien irragonevoli fil-proceduri (10 ta' Lulju 1984).

Fid-dawl ta' dan l-insenjament ghalhekk wiehed irid iqis il-fatturi kollha u c-cirkostanzi kompleti sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni tar-ragonevolezza o meno tad-dewmien lamentat.

L-awturi Van Dijk and Van Hoof jispjegaw illi:

*"When the length of the relevant period has been established, it must be subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each indivdual case".*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Said vs Avukat Generali (11 ta' Novembru 2011) irriteniet illi:

*"Ghalhekk skont dawn il-principji l-ebda fattur partikolari ma huwa wahdu konklussiv, imma l-Qorti trid tezamina l-fatturi kollha separatament biex tivvatula l-effett kumulattiv fuq il-proceduri fl-intier taghhom sabiex tara jekk dawn gewx maghluqa fi zmien ragjonevoli. Il-Qorti tista' ssib li fattur partikolari kien leziv mentri fatturi ohrajn ma kienux".*

Fil-kaz in ezami jirrizulta illi l-kawza li dwarha qed jigi lmentat id-dewmien inbdiet fl-1992. It-talbiet fiha kienu ghal kundanna ta' responsabbilità u hlas ta' danni konsegwenzjali ghal kroll ta' saqaf f'supermarket. Sakemm spiccat biex inghatat is-sentenza fl-ewwel istanza ghaddew cirka ghoxrin sena. Tul dan

il-perkors il-kawza giet assenjata lil xejn anqas minn seba mhallfin wara xulxin. Giet deciza definittivament mill-Qorti tal-Appell xi sena u nofs wara s-sentenza tal-Prim Awla. Tul il-perkors gew nominati hames periti legali, perit arkitett u tlett periti medici. Jirrizulta wkoll illi mill-bidu nett giet konnessa ma' zewg kawzi ohra bid-diffikultajiet kollha li tali konnessjoni ggib maghha. Ghalkemm l-atturi dejjem zammew l-istess zewg difensuri, jidher illi ghall-konvenut dehru xejn anqas minn erba' difensuri. Wiehed jinnota illi f'ebda verbal ma giet registrata rinunzja ta' patrocinju, assunzjoni ta' patrocinju jew assocjazzjoni skond il-prassi accettata. Ghalkemm serja fin-natura taghha, l-kawza ma kienitx tipprezenta komplessità partikolari, la fattwali u lanqas guridika. Fic-cirkostanzi, wara li gie mifli akkuratament il-process kollu taghha, din il-Qorti hi tal-fehma li l-kawza sfat vittma ta' sistema kkumplikata u mankanti f'dak li ghandu x'jaqsam ma' amministrazzjoni ta' kawzi. Bizzejjed wiehed japprezza illi kif ben not f'dawn il-Qrati, meta ssir ri-assenzjoni ta' kawzi minn Imhallef ghal iehor, din tkun saret flimkien ma' hafna kawzi ohra li l-Imhallef gdid perforza jrid jiehu z-zmien tieghu biex jiehu konjizzjoni taghhom u jistudjahom kif xieraq. Meta tqis li dan sar ghal xejn anqas minn seba' darbiet in fila din il-Qorti tqis li l-lanjanza ta' dewmien hija altru milli gustifikata. Ghalhekk il-Qorti issa qed taghti ragun lir-rikorrenti.

Ghal dak li jirrigwarda kumpens il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza Said vs Avukat Generali 11 ta' Novembru 2011 irriteniet illi:

*"Madankollu din il-Qorti hi tal-fehma li f'kazijiet bhal dawn fejn jirrigwarda dewmien, il-Qorti Kostituzzjonali generalment ma takkordax danni materjali biex ikopru danni allegatament sofferti imma taghti kumpens bhala danni morali biex jaghmel*

*tajjeb ghal lezjoni kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali ma takkordax danni civili"*.

Fid-dawl ta' dan l-insenjament u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in ezami il-Qorti qed tillikwida kumpens morali fl-ammont ta' hamest elef ewro (€5000).

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara li Iris Cassar u Michael Cassar sofrew lezjoni tad-dritt fondamentali taghhom ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli kif tutelat bl-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem; tilqa t-tieni talba u tillikwida l-kumpens misthoqq fl-ammont ta' (€5000) hamest elef ewro; tikkundanna lill-intimat ihallas lil Iris Cassar u Michael Cassar is-somma ta' hamest elef ewro.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------